# EMA COVID-19: ir-rapportar ta' effetti sekondarji ssuspettati tal-mediċini

## Għinna nifhmu kif jaħdmu l-mediċini fil-COVID-19

**Aħna għandna fiduċja fik li tkompli tirrapporta kwalunkwe effett sekondarju ssuspettat li l-pazjenti tiegħek jistgħu jesperjenzaw b'mediċini li jkunu qed jieħdu waqt li jkunu infettati.**

Huwa mħeġġeġ li jiġu rraportati l-effetti sekondarji ssuspettati kollha li l-pazjenti tiegħek jesperjenzaw waqt li jkunu infettati, inkluż b'mediċini maħsuba għat-trattament tal-marda jew ta' kondizzjonijiet pre-eżistenti.

L-effetti sekondarji ssuspettati għandhom jiġu rrapportati anke jekk il-mediċina ma tkunx awtorizzata għall-użu fil-COVID-19.






### Meta tirrapporta effett sekondarju ssuspettat f'pazjent, għandek tgħidilna:

- L-età u s-sess tal-pazjent
- Jekk kienx hemm dijanjożi talinfezzjoni permezz ta' ttestjar jew abbażi ta' sintomi kliniċi biss
- Deskrizzjoni tal-effetti sekondarji
- L-isem tal-mediċina (isem il-marka kif ukoll is-sustanza attiva) issuspettata li kkawżat l-effetti sekondarji
- Id-doża u t-tul tat-trattament bil-mediċina
- In-numru tal-lott tal-mediċina (li jinsab fuq l-ippakkjar)
- Kwalunkwe mediċina oħra li tkun qed tittieħed bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien, inklużi mediċini mingħajr riċetta ta' tabib, rimedji erbali jew kontraċettivi
- Kwalunkwe kondizzjoni oħra ta' saħħa li l-pazjent tiegħek jista' jkollu

**Għal iktar informazzjoni dwar kif tirrapporta għand l-awtorità nazzjonali tiegħek, jekk jogħġbok żur is-sit web relevanti:**
www.adrreports.eu/mt/report_side_effect.html

Meta tirrapporta effetti sekondarji, il-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni li tkun preċiża u kompluta kemm jista' jkun.